# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 26 ta' Jannar, 2023**

**Kawża Nru. 10**

**Rik. Nru. 1266/11JRM**

**PALM SHIPPING AGENCY LIMITED (C – 9712)**

vs

**KORPORAZZJONI ENEMALTA** u b'nota tal-11 ta' Frar, 2015, Enemalta p.l.c. (C – 65836) assumiet l-atti minflok il-Korporazzjoni Enemalta

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-20 ta' Diċembru, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm dettaljatament imfissra s-soċjetà attriċi talbet li l-Qorti (1) ssib illi d-deċiżjoni tal-5 ta' Ottubru, 2011, tal-Korporazzjoni Enemalta li permezz tagħha rrifjutat l-offerta oriġinali tagħha li għamlet għat-*Tender for Supply, Delivery and Testing of Shell Argina X40 – SAE 40 BN 40 Engine Oil* bin-numru uffiċjali GN/DPS/T/4004/PC1/2001 kienet illegali għaliex tikser id-dispożizzjonijiet tar-*Regolamenti dwar l-Akkwisti Pubbliċi ta' Entitajiet li joperaw fis-Settur ta' l-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u s-Servizzi Postali (L.N. 178/2005 – S.L. 174.06);* (2) issib li, għall-finijiet tal-Artikolu 469A tal-Kodiċi dwar Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, l-imsemmija deċizjoni hija nulla,

invalida jew bla effett ladarba l-Korporazzjoni Enemalta aġixxiet *ultra vires* billi d-deċizjoni tikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-Korporazzjoni intimata billi din id-deċiżjoni ttieħdet għal għanijiet mhux xierqa jew msejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti u/jew għaliex dik id-deċiżjoni tmur kontra l-liġi; (3) għalhekk tħassar u tirrevoka dik l-istess deċiżjoni fuq imsemmija u tħassar u tirrevoka kull kuntratt mogħti wara t-*Tender* għall-forniment ta' tliet mija u ħamsin elf (350,000) litru ta' *lubricating oil*; (4) tordna, jekk ikun il-każ, illi l-kuntratt relattiv għall-forniment ta' tliet mija u ħamsin elf (350,000) litru ta' *lubricating oil* jingħata lil minn ħaqqu skond il-liġi; (5) issib illi l-Korporazzjoni intimata hija responsabbli għad-danni mġarrbin mill-kumpannija attriċi b'riżultat tad-deċiżjoni *ultra vires* jew illegali tal-Korporazzjoni intimata kif fuq imsemmi, konsistenti f'telf ta' qligħ illi l-kumpannija attriċi kellha proġettat illi tagħmel mill-kuntratt ta' forniment ta' *lubricating oil* kontemplat fit-*Tender de quo* u nefqiet li daħlet għalihom b'rabta mal-offerta tagħha għall-istess *Tender*; (6) tillikwida, jekk meħtieġ billi taħtar periti għal dan il-għan, id-danni hekk imġarrbin minnha b'riżultat tal-imġiba llegali jew *ultra vires* tal-Korporazzjoni intimata kif fuq imsemmi; u (7) tordna lill-Korporazzjoni intimata sabiex tħallasha l-istess danni hekk kif likwidati flimkien mal-imgħaxijiet relattivi. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-30 ta' Diċembru, 2011[1], li bih ordnat in-notifika lill-Korporazzjoni mħarrka u tat direttivi lis-soċjetà attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa tal-Korporazzjoni mħarrka mressqa fis-27 ta' Jannar, 2012, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li t-talbiet attriċi ma humiex mistħoqqa u la fil-fatt u lanqas fid-dritt. Qalet li, taħt ċirkostanzi speċifiċi, il-liġi teżentaha milli timxi skond ir-Regolamenti tal-Akkwisti Pubbliċi ta' Entitajiet f'ċirkostanzi speċifiċi marbuta mal-kisba u x-xiri ta' karburanti u li l-prodott li ntalab fis-sejħa pubblika li ħadet sehem fiha l-attriċi kien rakkomandat għall-aħjar tħaddim tat-tagħmir li l-Korporazzjoni kellha fl-estenjoni l-ġdida tal-*Power Station* f'Dellimara. Minbarra dan, il-prodott mitlub kien diġà qiegħed jintuża fit-tħaddim tal-imsemmi impjant u ma kienx sewwa li hija tilqa' l-offerta tal-prodott imressaq mill-attriċi billi dak il-prodott u dak li kien diġà qiegħed jintuża ma kinux jaqblu ma' xulxin u lanqas jitħalltu;

Rat in-nota imressqa mis-soċjetà attriċi fl-10 ta' Mejju, 2012[2], u d-dokumenti mehmużin magħha (xhieda b'affidavit);

[1] Paġġ 59 u 60 tal-proċess
[2] Paġġ 99 sa 182 tal-proċess

Rat in-nota imressqa mis-soċjetà attriċi fid-19 ta' Ġunju, 2012[3], u d-dokumenti mehmużin magħha;

Rat il-provvediment kamerali tagħha tat-22 ta' Mejju, 2013[4], li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, laqgħet limitatament it-talba tal-kumpannija attriċi dwar it-tressiq bħala prova dokumentali ta' korrispondenza li għaddiet waqt il-proċess tas-sejħa għall-offerti;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat in-nota imressqa mill-Korporazzjoni intimata fid-29 ta' Awwissu, 2013[5] u d-dokument anness magħha;

Rat in-nota imressqa mis-soċjetà Enemalta plc., fil-11 ta' Frar, 2015[6], li biha assumiet l-atti tal-kawża minflok il-Korporazzjoni intimata;

Rat il-provvediment kamerali tagħha tal-20 ta' Ottubru, 2015[7], li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ċaħdet talba magħmula mill-kumpannija intimata biex tordna lil xhud tal-kumpannija attriċi jressaq fl-atti bħala prova, kopja ta' dokument kummerċjali;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tas-16 ta' Ġunju, 2016[8], dwar parti mix-xhieda mogħtija bil-mezz tal-affidavit minn persuni barranin u li l-Qorti ntalbet ma tiħux konjizzjoni tagħha;

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta' Ġunju, 2016, li bih tat lill-partijiet żmien sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fl-1 ta' Awwissu, 2016[9];

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fit-30 ta' Settembru, 2016[10], bi tweġiba għal dik tal-attriċi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

---

[3] Paġ 185 sa 193 tal-proċess
[4] Paġ 218 sa 221 tal-proċess
[5] Paġ 228 sa 229 tal-proċess
[6] Paġ 331 tal-proċess
[7] Paġ 347 sa 349 tal-proċess
[8] Paġ 385 u 386 tal-proċess
[9] Paġ 387 sa 401 tal-proċess
[10] Paġ 402 sa 417 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju. Il-kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "PSA") trid li din il-Qorti tistħarreġ is-siwi ta' deċizjoni meħuda f'sejħa pubblika għall-kisba ta' karburant imnedija mill-kumpannija mħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa "Enemalta") meta ċaħdet l-offerta mressqa minn PSA. PSA tgħid li l-għemil ta' Enemalta jikser il-liġi li tirregola s-sejħiet pubbliċi ta' akkwist f'dan il-qasam u b'hekk hija marret lil hinn mis-setgħat mogħtija lilha (*ultra vires*) mil-liġi. PSA titlob li din il-Qorti tħassar dik d-deċiżjoni, li l-kuntratt tal-provvista jingħata lil min ħaqqu skond il-liġi, u li tikkundanna lil Enemalta tagħmel tajjeb għad-danni mġarrba minħabba d-deċiżjoni;

Illi Enemalta laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li t-talbiet attriċi ma humiex mistħoqqa u la fil-fatt u lanqas fid-dritt. Qalet li, taħt ċirkostanzi speċifiċi, il-liġi teżentaha milli timxi skond ir-Regolamenti tal-Akkwisti Pubbliċi ta' Entitajiet f'ċirkostanzi speċifiċi marbuta mal-kisba u x-xiri ta' karburanti u li l-prodott li ntalab fis-sejħa pubblika li ħadet sehem fiha l-attriċi kien rakkomandat għall-aħjar tħaddim tat-tagħmir li l-Korporazzjoni kellha fl-estensjoni l-ġdida tal-*Power Station* f'Dellimara. Minbarra dan, il-prodott mitlub kien diġà qiegħed jintuża fit-tħaddim tal-imsemmi impjant u ma kienx sewwa li hija tilqa' l-offerta tal-prodott imressaq minn PSA billi dak il-prodott u dak li kien diġà qiegħed jintuża ma kinux jaqblu ma' xulxin jew jitħalltu bla ma ssir ħsara lill-impjant innifsu;

Illi, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha[11], Enemalta qajmet sottomissjoni legali fis-sura ta' "eċċezzjoni ulterjuri" li ma kenitx qajmet fit-Tweġiba Maħlufa tagħha, u li biha tgħid li ladarba l-azzjoni ta' PSA hija espressament waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, dak l-artikolu ma jgħoddx fejn il-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju jiġi provdut dwaru f'xi liġi oħra. Hija tgħid li PSA kellha r-rimedju li tattakka d-deċiżjoni ta' Enemalta quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi kif jipprovdu r-Regolamenti rilevanti fir-rigward[12];

Illi bħala <u>fatti relevanti li joħorġu mill-atti</u> jirriżulta li fis-sena 2009, Enemalta daħlet fi ftehim ma' terzi (aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-kuntrattur") dwar impjant ġdid li jiġġenera l-elettriku b'estensjoni tat-tagħmir li kien hemm diġà fil-*Power Station* f'Dellimara. Fost l-oħrajn, il-ftehim kien jagħti lill-kuntrattur l-għażla ta' liema żejt lubrikant kellu jintuża fl-istadji bikrija tat-tħaddim

[11] Paġġ. 406 sa 408 tal-proċess
[12] A.L. 296/10 (L.S. 174.04) (illum mibdula bl-A.L. 351/16, L.S. 601.05)

ta' dan l-impjant qabel jikkonsenjah lil Enemalta biex tkompli tħaddmu hi. Il-karburant li l-kuntrattur kien juża kien tad-ditta *Shell* u l-*lubricating oil* kien tat-tip '*Argina X40*'. Enemalta ngħatat il-parir biex ma tħallatx żjut lubrikanti differenti. Il-kuntrattur saħansitra ma refax responsabbilità għal xi ħsarat li setgħu jirriżultaw fl-impjant minn taħlit ta' żjut ta' ditti differenti, dan kemm-il darba t-taħlit ma jsirx bil-mod kif preskritt fil-ftehim milħuq bejniethom[13];

Illi minbarra dan, il-proċess biex jinbidel l-użu ta' żejt lubrikant ta' ditta ma' żejt lubrikant ta' ditta oħra, kien idaħħal lil Enemalta f'nefqiet kbar u proċess imtawwal li jitlob it-twaqqif tal-impjant u t-tindif tiegħu mit-traċċi taż-żejt mibdul. Kien jitlob ukoll li, sakemm l-impjant idum wieqaf, Enemalta riedet tara minn fejn se tiġġenera l-elettriku mod ieħor. Enemalta dak iż-żmien qatgħetha li dan ma kienx vijabbli[14], partikolarment fiż-żmien li l-impjant kien għadu taħt garanzija;

Illi f'xi żmien matul l-2011, u meta l-impjant kien għadu qiegħed jitħejja u f'idejn il-kuntrattur, Enemalta bdiet taħseb biex tikseb iż-żejt lubrikant għall-impjant għaż-żmien meta l-impjant ikun ġie kummissjonat u jkun għadda taħt it-tmexxija tagħha. Fil-fatt, Enemalta, wara li ħadet parir mingħand id-Dipartiment tal-Kuntratti dwar il-proċedura li kellha tintuża biex toħroġ is-sejħa pubblika[15], fis-17 ta' Ġunju, 2011, ħarġet sejħa pubblika (minn issa 'l hemm imsejħa "is-sejħa") f'isimha għax-xiri ta' żejt lubrikant tal-għamla '*Shell Argina X40-SAE BN 40 Engine Oil*'[16];

Illi PSA kienet fost l-erba' (4) konkorrenti li wieġbu għal din is-sejħa[17]. PSA tefgħet l-offerta tagħha fl-20 ta' Lulju, 2011 (l-aħħar jum li fih setgħu jitressqu l-offerti), f'isem il-kumpannija estera *Total Lubrifiants S.A.*[18], kumpannija li kienet tissupplixxi żejt użat għal magni tal-għamla '*Wartsila 46*' li kienu bħal dawk stallati fl-impjant imsemmi, u li fl-istqarrija tagħha tgħid li kien kompatibbli maż-żejt lubrifikant mitlub fis-sejħa[19]. L-offerta ta' PSA kienet it-tieni l-orħos mill-erba' li ntefgħu[20];

Illi wara l-għeluq taż-żmien tas-sejħa biex jitressqu l-offerti, fil-5 ta' Ottubru, 2011[21], Enemalta bagħtet tgħarraf lil PSA li l-kuntratt ma setax jingħata minħabba nuqqasijiet fl-offerti mressqa mill-konkorrenti. Fl-istess ittra, Enemalta talbet lil PSA terġa' tressaq offerta (i) dwar il-provvista ta' żejt lubrikant tal-għamla '*Shell Argina X40*' u (ii) l-mod kif kienet tipproponi li

---

[13] Dok. "IB2" f'paġ. 305 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda tal-Inġinier Albert Farruġia f'paġġ, 326 – 7 tal-proċess
[14] Ara x-xhieda tal-Inġinier Albert Farruġia f'paġ. 328 tal-proċess
[15] Paġ. 229 tal-proċess
[16] Dok. "A" f'paġġ. 11 sa 14 tal-proċess
[17] Dok. "B" f'paġġ. 15 sa 35 tal-proċess
[18] Dok. "MR" f'paġ. 129 tal-proċess
[19] Dokti. "TL1" sa "TL5" f'paġġ. 133 sa 159 tal-proċess
[20] Dok "Ċ", f'paġ. 36 tal-proċess
[21] Dokti "D" u "D1" f'paġġ. 37 u 225 tal-proċess

tissupplixxi dak iż-żejt. PSA ingħatat sal-14 ta' Ottubru biex tressaq din l-offerta l-ġdida. Din l-ittra hija l-mertu tal-kawża tal-lum u PSA tqisha bħala d-deċiżjoni li hija qiegħda tattakka s-siwi tagħha;

Illi PSA oġġezzjonat dwar dik id-deċiżjoni. Għalhekk, fit-13 ta' Ottubru, 2011, tat avviż ta' oġġezzjoni lill-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-Bord")[22]. Sitt ijiem wara, PSA bagħtet lill-Bord l-oġġezzjoni f'aktar dettall[23]. Fil-25 ta' Ottubru, 2011[24], il-Bord bagħat jgħarraf lil PSA li s-sejħa ma kinitx taqa' taħt is-setgħat tiegħu ladarba tirrigwarda l-provvista ta' prodott maħsub biex jiġġenera l-enerġija u li għalih jgħoddu d-dispożizzjonijiet tar-regolament 26(b) tar-Regolamenti tal-2005 dwar l-Akkwisti Pubbliċi ta' Entitajiet li Joperaw fis-Settur tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u s-Servizzi Postali[25]. PSA minnufih kitbet lill-Bord[26] biex jikkonsidra mill-ġdid il-fehma tiegħu dwar l-oġġezzjoni tagħha u quddiem min imissha titressaq;

Illi l-Bord tlaqqa' mill-ġdid u sejjaħ smigħ fl-4 ta' Novembru, 2011. Wara li qies is-sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet u kif ukoll il-fehma teknika mogħtija mill-Professur Alfred J Vella[27], b'deċizjoni tal-24 ta' Novembru, 2011[28], il-Bord qatagħha li ma kellux is-setgħa jisma' l-oġġezzjoni ta' PSA għaliex kienet tirrigwarda ħaġa li taqa' 'l barra mis-setgħat tiegħu. PSA ma appellatx minn dik id-deċiżjoni u din il-kawża ma titlobx lil din il-Qorti biex tistħarriġha;

Illi fl-20 ta' Diċembru, 2011, infetħet din il-kawża;

Illi bħala <u>konsiderazzjoni legali</u> marbuta mal-każ, il-Qorti tqis li l-azzjoni ta' PSA hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju mressqa espressament għall-għanijiet tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta fuq is-saħħa li d-deċiżjoni li ħadet Enemalta kienet bi ksur tal-liġi. PSA tgħid li dan il-ksur seħħ f'aktar minn aspett wieħed: (i) fil-fatt li Enemalta ma ħarsitx il-kundizzjonijiet espressi mfissra fis-sejħa, l-aktar dwar il-kriterju tal-orħos prezz offert; (ii) li, minkejja li l-offerta tagħha kienet toqgħod mal-kundizzjonijiet tas-sejħa, Enemalta għoġobha tqisha bħala mhux konformi ma' dak mitlub; (iii) li Enemalta ma mxietx ma' dak li jippreskrivu r-Regolamenti dwar Akkwisti Pubbliċi; u (iv) li l-fatt li Enemalta saħqet li l-offerti jsiru dwar prodott ta' ditta partikolari b'esklużjoni ta' oħrajn, kien imur kontra r-regoli tad-Dritt Komunitarju kif stabbilit fid-Direttiva 2004/17/EC;

---

[22] Dok."F" f'paġġ. 39 – 40 tal-proċess
[23] Dok "Ġ", f'paġġ. 41 – 6 tal-proċess
[24] Dok "Ħ", f'paġ. 47 tal-proċess
[25] A.L. 178 tal-2005 (L.S. 174.06) illum imħassra u mibdula bl-A.L.351/16 (L.S. 601.05) li, madankollu, ma jgħoddx għall-każ tal-lum
[26] Dok "I", f'paġġ. 48 – 9 tal-proċess
[27] Dok "J", f'paġġ. 55 – 7 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Prof. Vella f'paġġ. 257 sa 259 tal-proċess
[28] Dok. "J" f'paġġ. 50 sa 58 tal-proċesss

Illi qabel ma tgħaddi biex tqis dawn l-ilmenti, il-Qorti ssib li għandha tistħarreġ is-siwi tas-sottomissjoni magħmula minn Enemalta fis-sura ta' "eċċezzjoni ulterjuri" dwar jekk l-azzjoni attriċi tgħoddx. Kif ingħad qabel, Enemalta qanqlet din il-kwestjoni li ma kinetx qajmitha fl-ebda waqt tul is-smigħ tal-kawża, la fit-Tweġiba Maħlufa tagħha u lanqas sakemm kien għadu għaddej l-istadju tal-ġbir tal-provi. Qajmitha biss fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha;

Illi filwaqt li l-Qorti ttenni li dan il-mod kif jitressqu l-eċċezzjonijiet wara li jkun diġà ngħalaq l-istadju tal-ġbir tal-provi u meta tkun qiegħda ssir it-trattazzjoni tal-għeluq tal-każ jinħass li ma huwiex la xieraq u lanqas għall-aħjar tmexxija tal-każ u tal-jedd tal-parti attriċi[29], sejra ssemmiha u tara aktar 'il quddiem jekk għandhiex tqisha ladarba tressqet bi ksur tal-artikoli 728(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-imsemmija 'eċċezzjoni ulterjuri' hija li PSA kellha mezzi oħra kif tikseb rimedju u għaldaqstant ma setgħetx tressaq azzjoni taħt l-artikolu 469A tal-istess Kodiċi;

Illi billi l-kwestjoni tqajmet fin-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' Enemalta li kienet bi tweġiba għal dik imressqa minn PSA, u billi meta saru s-sottomissjonijiet miktuba l-każ kien imħolli għas-sentenza, PSA ma kellha qatt l-opportunità li tagħmel il-kummenti tagħha dwar dan. Fis-sewwa, baqgħet ma talbet qatt li titħalla tressaq xi sottomissjonijiet fir-rigward;

Illi l-Qorti tqis li, bħala regola, il-liġi[30] trid li kull eċċezzjoni oħra li ma tkunx tqajmet fit-Tweġiba Maħlufa tista' titħalla titressaq biss jekk kemm-il darba l-parti mħarrka tkun talbet il-permess tal-qorti b'rikors biex tħalliha tressaqha. Madankollu, hija l-liġi wkoll[31] li tgħid li dik ir-regola ma tgħoddx fil-każ ta' dawk l-eċċezzjonijiet li b'dispożizzjoni espressa tal-liġi jistgħu jitqajmu f'kull waqt tal-kawża jew li jinqalgħu waqt is-smigħ tal-kawża. F'dan ir-rigward, il-fehma tal-Qrati tagħna mhux dejjem kienet l-istess. Għalhekk, kien hemm drabi fejn in-nuqqas ta' tressiq ta' eċċezzjoni ulterjuri (ukoll waħda perentorja tal-ġudizzju) bla ma ntalab permess b'rikors kien meqjus li jġib in-nullità tal-istess eċċezzjoni[32]; filwaqt li kien hemm każijiet oħrajn fejn il-formalità tar-rikors ma tqisitx meħtieġa meta titqies in-natura tal-eċċezzjoni li tkun[33];

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-eċċezzjoni imqanqla minn Enemalta fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha għandha min-natura ta' eċċezzjoni perentorja u għaldaqstant tista' titqajjem f'kull waqt tal-kawża u għaliha ma jgħoddx id-dispost tal-artikolu 728(2) tal-Kap 12. Jingħad is-sewwa, fil-każ ta' eċċezzjoni ta' din l-għamla, hija eskluża kull diskrezzjoni tal-Qorti li quddiemha

[29] App. Ċiv. 16.3.2004 fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Camilleri et vs Gaetana Aquilina***
[30] Art. 728(2) tal-Kap 12
[31] Art. 731 tal-Kap 12 u ara App. Inf PS 20.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet ***Gayle Scerri vs Eric Borġ et***
[32] P.A. RCP **17.4.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Philip Gauċi et vs Alan Xuereb et***
[33] P.A. FDP 26.1.2001 fil-kawża fl-ismijiet ***Herbert Mifsud vs Edward Lentini*** (mhix appellata)

titqajjem li tara jekk kienx hemm raġuni tajba għaliex ma tkunx tressqet qabel, u l-istħarriġ ta' dik il-qorti jrid ikun limitat biex jistabilixxi jekk tabilħaqq eċċezzjoni bħal dik hijiex ta' sura perentorja[34], u tgħaddi biex tittrattaha wkoll jekk din titqajjem wara li l-kawża tkun tħalliet għas-sentenza[35]. Jibqa' dejjem il-fatt li, bħala prattika għaqlija u mod lejali kif parti tmexxi l-każ tagħha, jkun aħjar li kieku eċċezzjonijiet bħal dawn jitqajmu f'Risposta Ulterjuri milli b'sempliċi tismija jew sottomissjonijiet f'Nota tal-Osservazzjonijiet;

Illi l-Qorti sejra għalhekk tibda biex tqis l-eċċezzjoni preliminari ulterjuri mressqa minn Enemalta li tinbena fuq dak li jiddisponi l-artikolu 469A(4) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili. Dak l-artikolu tal-liġi huwa maħsub li jrażżan is-setgħa jew ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti ta' kompetenza ġenerali milli tisma' kawża mressqa quddiemha. Ladarba d-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu huma eċċezzjoni jew deroga għar-regola li l-Qrati għandhom ġurisdizzjoni, jeħtieġ li tali sub-artikolu jitfisser f'sens dejjaq kemm jista' jkun biex ma jġibx fix-xejn l-għan li għalih il-leġislatur daħħal din l-għamla ta' azzjoni reviżorja fil-proċedura lokali;

Illi kif diġà ngħad mill-Qrati tagħna, l-esklużjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati li jistħarrġu għemil amministrattiv għandha tkun ġustifikata biss jekk il-Qorti tkun soddisfatta li, fil-prattika, persuna kellha rimedju effikaċi u xieraq disponibbli għaliha u hija naqset li tirrikorri għalih bla raġuni tajba[36];

Illi l-Qorti tifhem li biex il-ġurisdizzjoni tal-Qorti li tistħarreġ għemil amministrattiv titneħħa, ir-rimedju taħt xi liġi oħra mogħti lill-persuna mġarrba b'dak l-għemil irid ikun rimedju xieraq u, fuq kollox, effikaċi[37]. Irid jintwera wkoll li l-persuna ma nqdietx bir-rimedju l-ieħor b'mod kapriċċuż, f'liema każ ma jkunx xieraq li, minħabba n-nuqqas tagħha, imbagħad iddur għall-kenn tal-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A. Bilkemm għandu għalfejn jiżdied jingħad ukoll li jaqa' fuq il-parti li tallega li kien hemm rimedju ieħor disponibbli għall-persuna mġarrba biex tipprova kif imiss li tassew kien hemm rimedju effettiv u li l-persuna naqset bla raġuni tajba li tinqeda bih;

Illi fil-każ ta' llum, jirriżulta li l-kumpannija attriċi ressqet ilment kontra d-deċiżjoni ta' Enemalta quddiem il-Bord billi wżat il-proċedura mtennija taħt l-A.L. 296 tal-2010 dwar il-Kuntratti Pubbliċi. F'sottomissjonijiet dettaljati, il-kumpannija attriċi tat ir-raġunijiet tagħha dwar kif fil-ħruġ tas-sejħa għall-offerta u l-mod kif ittrattat l-offerta, Enemalta kisret ir-Regolamenti dwar l-Akkwisti Pubbliċi[38]. Wara nsistenza min-naħa tagħha biex il-Bord jisma' l-

---

[34] App. Ċiv. **16.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Sunspot Tours Ltd vs C.H. Caterers Ltd***
[35] App. Ċiv. **25.10.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Lia et vs Alan Gatt et***
[36] App. Ċiv. **6.5.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Bunker Fuel Oil Company Ltd. vs Paul Gauċi et*** (mhix pubblikata) u App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Cauchi vs Chairman Awtorità tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.943**)
[37] P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Muscat et vs Chairman tal-Awtorità tad-Djar et***
[38] Dok. "G" f'paġġ. 41 sa 46 tal-proċess

ilment[39], il-Bord ikkonkluda li m'għandux setgħa jisma' l-każ u ta r-raġunijiet tiegħu għaliex. Il-kumpannija attriċi, f'inqas minn xahar, fetħet dawn il-proċeduri. Fir-Rikors Maħluf, għal darb'oħra, tilmenta mill-istess nuqqasijiet ta' Enemalta u fl-ewwel talba titlob li l-Qorti tabilħaqq issib ksur tal-imsemmija Regolamenti min-naħa ta' Enemalta;

Illi min-naħa l-oħra, Enemalta tisħaq li l-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tisma' l-kawża għaliex il-kumpannija attriċi kellha rimedju xieraq għall-ilment tagħha quddiem qorti jew tribunal ieħor taħt l-A.L. 296 tal-2010[40]. Hija ttenni li ladarba bdiet il-proċeduri quddiem il-Bord billi mxiet mal-proċedura stabbilita taħt ir-Regolament 84 tal-A.L. 296 tal-2010, messha kompliet ir-rimedju li kellha taħt l-istess Avviż Legali billi tressaq appell quddiem il-Qorti tal-Appell kif jistabbilixxi l-imsemmi regolament 84 tal-istess Regolamenti. Minflok, għoġobha twarrab dak ir-rimedju u tiftaħ proċeduri ta' stħarriġ ġudizzjarju quddiem din il-Qorti. Fil-fehma ta' Enemalta, l-eżistenza ta' dik il-kontestazzjoni u rimedju jneħħi minn idejn din il-Qorti s-setgħa li tisma' l-kawża taħt l-artikolu 469A tal-Kap. 12;

Illi tabilħaqq, ir-regolament 84 tar-Regolamenti tal-2010 dwar il-Kuntratti Pubbliċi (li kienu għadhom fis-seħħ fiż-żmien rilevanti għal dan il-każ) kien jistabbilixxi proċedura fejn persuna milquta minn xi deċiżjoni, inkluż dik dwar għoti ta' kuntratt, setgħet tressaq oġġezzjoni quddiem il-Bord[41]. Id-deċizjoni tal-Bord hija appellabbli fi żmien għoxin ġurnata quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri)[42];

Illi minn dak li PSA innifisha tgħid fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha[43], hija tressaq argumenti li kienu jkunu xierqa f'appell li hija setgħet tressaq mid-deċiżjoni tal-Bord skond ma kienu jippreskrivu r-Regolamenti msemmija. Kif ingħad aktar qabel, il-kawża mressqa minn PSA ma titlobx stħarriġ ta' dik id-deċiżjoni tal-Bord. Ma setax ikun mod ieħor, għaliex dak l-istħarriġ kellu jsir quddiem il-Qorti tal-Appell. U b'hekk joħroġ ukoll li PSA kellha rimedju u, għal raġunijiet li ma fissrithom bl-ebda mod lanqas fis-sottomissjonijiet tagħha, għażlet li ma tinqediex bih;

Illi fil-fehma tal-Qorti, il-Qorti tal-Appell kien ikollha s-setgħa mhux biss li tqis jekk kemm-il darba l-Bord mexiex sewwa meta sab li ma kienx fir-"*remit*" tiegħu li jqis l-ilment ta' PSA, imma kienet ukoll tara jekk Enemalta mxietx sewwa fl-għażliet tagħha ta' aġġudikazzjoni u, fuq kollox, kienet tista' tħassar is-sejħa jew tagħti ordnijiet jew provvedimenti xierqa dwar l-istess sejħa.

---

39 Dok. "I" f'paġġ. 48 sa 49 tal-proċess
40 Regolamenti tal-2010 dwar il-Kuntratti Pubbliċi
41 Reg. 84(1) tal-A.L. 296 tal-2010
42 Reg. 84(5) tal-A.L. 296 tal-2010
43 Paġġ. 395 – 6 tal-proċess

Dawn huma sewwasew uħud mit-talbiet li PSA terġa' tagħmel f'din il-kawża tagħha tal-lum. Terġa' u tgħid, wieħed mill-argumenti ewlenin imressqa 'l quddiem minn PSA biex issejjes ix-xilja tagħha ta' aġir *ultra vires* min-naħa ta' Enemalta huwa l-argument li l-imġiba tal-Korporazzjoni saret bi ksur tar-Regolamenti dwar l-Akkwisti Pubbliċi. Din ukoll kienet ħaġa li l-Qorti tal-Appell kien ikollha kull setgħa li tqis li kieku PSA nqdiet bir-rimedju proċedurali mogħti lilha;

Illi fis-sottomissjonijiet tagħha[44], Enemalta tisħaq li ladarba PSA ma ressqitx appell mid-deċiżjoni tal-Bord, dik id-deċiżjoni kellha l-effett ta' ġudikat u l-mertu maqtugħ b'mod definittiv ukoll jekk id-deċiżjoni tal-Bord kienet waħda li ma setgħetx tidħol fil-mertu tal-aggravji mqajma minn PSA;

Illi l-Qorti, filwaqt li tifhem l-argument ta' Enemalta, ma jidhrilhiex li tista' taqbel mal-argument tal-ġudikat. Imma taqbel magħha li n-nuqqas ta' teħid ta' rimedju b'appell kif kienu jippreskrivu r-Regolamenti kien nuqqas ta' teħid ta' rimedju li l-liġi kienet mod ieħor tipprovdi lil PSA jekk tabilħaqq riedet tibqa' tikkontesta d-deċiżjoni ta' Enemalta;

Illi minħabba dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni ulterjuri ta' Enemalta hija mistħoqqa u sejra tilqagħha. Illi fil-prattika, il-kumpannija attriċi kellha rimedju effikaċi u xieraq disponibbli għaliha u hija naqset li tirrikorri għalih bla raġuni tajba. L-effett ta' dan ikun li l-Qorti jkollha tieqaf milli tkompli tqis aktar it-talbiet attriċi;

Illi, minħabba li l-imsemmija eċċezzjoni tqajmet wara li l-Qorti kienet semgħet il-provi tal-partijiet fil-mertu, ikun xieraq li din iċ-ċirkostanza tirrifletti fuq il-kap tal-ispejjeż. Huwa minnu li kif ingħad, l-eċċezzjoni setgħet titqajjem f'kull waqt tal-kawża, imma kieku tqajmet fi stadju bikri, il-Qorti kien ikollha l-okkażjoni tqisha qabel u, jekk issibha mistħoqqa (bħalma issa ġara) ma kienx ikollha toqgħod titlob lill-partijiet jintilfu f'ħafna taħbit biex iressqu provi dwar il-mertu;

Illi minħabba li l-Qorti qiegħda tilqa' l-imsemmija eċċezzjoni ulterjuri, ma tistax tgħaddi biex tqis it-talbiet fil-mertu u qiegħda tastjeni milli tgħaddi ġudizzju dwar is-siwi tagħhom;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

[44] Paġ. 407 tal-proċess

**Tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri** mressqa minn Enemalta u ssib li hija ma tistax tisma' din il-kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju skond l-artikolu 469A(4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan għaliex il-mod ta' kontestazzjoni u l-ksib tar-rimedju dwar l-għemil li minnu tilmenta l-kumpannija attriċi kienet tipprovdi għalihom liġi oħra quddiem organu ieħor kompetenti;

**Tastjeni milli tqis** it-talbiet attriċi; u

**Tordna** li, fiċ-ċirkostanzi mfissra hawn fuq, l-**ispejjeż tal-kawża** jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**Onor Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**26 ta' Jannar, 2023**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Registratur**